Definizzjoni	Il-klorofilli jinkisbu b′estrazzjoni tas-solvent ta′ razez ta′ pjanti, ħaxix, xnien u ħurrieq li jittieklu. Fit-tneħħija sussegwenti tas-solvent, il-manjeżju koordinat li huwa preżenti b′mod naturali jista′ jitneħħa kompletament jew parzjalment mill-klorofilli biex jagħti l-faeofitini korrispondenti. Is-sotanzi koloranti prinċipali huma l-faeofitini u l-klorofilli tal-manjeżju. Il-prodott estratt, li minnu jkun tneħħa s-solvent, fih pigmenti oħra bħall-karotenojdi kif ukoll żjut, xaħmijiet u xama′ mis-sustanza ta′ oriġini. Dawn is-solventi biss jistgħu jintużaw għall-estrazzjoni: aċeton, metil etil keton, diklorometan, diossidu tal-karbon, metanol, etanol, propan-2-ol, u eżan.

▼B

Indiċi Kromatiku	75810
EINECS	Klorofilli: 215-800-7, klorofill a: 207-536-6, Klorofill b: 208-272-4
Isem kimiku	Il-prinċipji ġenerali koloranti huma: Fitil (13^2R, 17S, 18S)-3)-(8-etil-13^2-metossikarbonil-2,7,12,18-tetrametil-13′-osso-3-vinil-13^1-13^2-17,18-tetraidroċiklopenta [at]-porfirin-17-il) propjonat, (Faeofitina a), jew bħala l-kumpless tal-manjeżju (Klorofill a) Fitil (13^2R, 17S, 18S)-3-(8-etil-7-formil-13^2-metossikarbonil-2,12,18-trimetill-13′-osso-3-vinil-13^1-13^2-17,18-tetraidroċiklopenta [at]-porfirin-17-il)propjonat, (Feofitina b), jew bħala l-kumpless tal-manjeżju (Klorofill b)
Formola kimika	Klorofill a (kumpless tal-manjeżju): $C_{55}H_{72}MgN_4O_5$ Klorofill a: $C_{55}H_{74}N_4O_5$ Klorofill b (kumpless tal-manjeżju): $C_{55}H_{70}MgN_4O_6$ Klorofill b: $C_{55}H_{72}N_4O_6$
Piż molekolari	Klorofill a (kumpless tal-manjeżju): 893,51 Klorofill a: 871,22 Klorofill b (kumpless tal-manjeżju): 907,49 Klorofill b: 885,20
Test	Kontenut tal-klorofilli kollha mħallta u tal-kumplessi tal-manjeżju tagħhom mhux inqas minn 10 % $E^{1\%}_{1cm}$ 700 f'ca 409 nm ġol-kloroform
Deskrizzjoni	Solidu li jixbah ix-xemaʼ li jvarja fil-kulur minn aħdar taż-żebbuġa għal aħdar skur skont il-kontenut taʼ manjeżju koordinat
Identifikazzjoni	
Spettrometrija	Massimu fil-kloroform f'ca 409 nm
Purità	
Residwi tas-solvent	Aċeton; Metil Etil keton; Metanol; Etanol; Propan-2-ol; Eżan: Mhux aktar minn 50 mg/kg, waħdu jew f'taħlita Diklorometan: Mhux iktar minn 10 mg/kg
Arseniku	Mhux iktar minn 3 mg/kg
Ċomb	Mhux iktar minn 5 mg/kg
Merkurju	Mhux iktar minn 1 mg/kg
Kadmju	Mhux iktar minn 1 mg/kg

▼B

E 140(ii) KLOROFILLINI

Sinonimi	CI Natural Green 5; Klorofillin tas-Sodju; Klorofillin tal-Potassju
Definizzjoni	L-imlieħi alkali tal-klorofillini huma miksuba bis-saponifikazzjoni ta′estratt tas-solvent ta′ razez ta′ pjanti, ħaxix, xnien u ħurrieq li jittieklu. Is-saponifikazzjoni tneħħi l-gruppi tal-metil u tal-ester fitol u tista′ xxaqqaq parzjalment l-anell ċiklopentenil. Il-gruppi aċidiċi jiġu newtralizzati biex jiffurmaw l-imlieħi tal-potassju u/jew tas-sodju. Dawn is-solventi biss jistgħu jintużaw fl-estrazzjoni: aċeton, metil etil keton, diklorometan, diossidu tal-karbon, metanol, etanol, propan-2-ol, u eżan.
Indiċi Kromatiku	75815
EINECS	287-483-3
Isem kimiku	Il-prinċipji ġenerali koloranti fil-forom aċidi tagħhom huma: — 3-(10-karbossilato-4-etil-1,3,5,8-tetrametil-9-osso-2-vinilforbin-7-il) propjonat (klorofillina a) u — 3-(10-karbossilato-4-etil-3-formil-1,5,8-trimetil-9-osso-2-vinil-forbin-7-il) propjonat (klorofillina b) Skont il-grad ta′ idrolosi, l-anell ċiklopentenil jista′ jixxaqqaq bil-produzzjoni riżultanti tat-tielet funzjoni ta′ karbossil. Kumplessi tal-manjeżju jistgħu wkoll ikunu preżenti
Formola kimika	Klorofillina a (forma tal-aċidu): $C_{34}H_{34}N_4O_5$ Klorofillina b (forma tal-aċidu): $C_{34}H_{32}N_4O_6$
Piż molekolari	Klorofillina a: 578,68 Klorofillina b: 592,66 Kull wieħed jista′ jiżdied bi 18-il dalton jekk l-anell ċiklopentenil jixxaqqaq.
Test	Kontenut tal-klorofilli kollha mhux inqas minn 95 % tal-kampjun imnixxef f'ca 100 °C għal siegħa $E^{1\%}_{1cm}$ 700 f'ca 405 nm f'soluzzjoni ta′ ilma f'pH 9 $E^{1\%}_{1cm}$ 140 f'ca 653 nm f'soluzzjoni ta′ ilma f'pH 9
Deskrizzjoni	Trab aħdar skur għal blu/iswed
Identifikazzjoni	
Spettrometrija	Massimu f'bafer tal-fosfat bl-ilma f'pH 9 f'ca 405 nm u f'ca 653 nm
Purità	
Residwi tas-solvent	Aċeton, Metil etil keton, Metanol, Etanol, Propan-2-ol, Eżan: mhux aktar minn 50 mg/kg, waħdu jew f'taħlita Diklorometan: mhux iktar minn 10 mg/kg
Arseniku	Mhux iktar minn 3 mg/kg
Ċomb	Mhux iktar minn 10 mg/kg
Merkurju	Mhux iktar minn 1 mg/kg
Kadmju	Mhux iktar minn 1 mg/kg

▼B

E 141(i) KUMPLESSI TAR-RAM TAL-KLOROFILLI

Sinonimi	CI Natural Green 3; Klorofill tar-Ram; Faeofitin tar-Ram
Definizzjoni	Il-klorofilli tar-ram jinkisbu biż-żieda ta′ melħ tar-ram mas-sustanza miksuba b′estrazzjoni tas-solvent ta′ razez naturali ta′ pjanti, ħaxix, xnien u ħurrieq li jittieklu. Il-prodott li minnu jkun tneħħa s-solvent, fih pigmenti oħrajn bħall-karotenojdi kif ukoll xaħmijiet u xama′ mill-materjal tas-sors. Is-sustanzi prinċipali koloranti huma l-faeofitini tar-ram. Dawn is-solventi biss jistgħu jintużaw fl-estrazzjoni: aċeton, metil etil keton, diklorometan, diossidu tal-karbon, metanol, etanol, propan-2-ol, u eżan.
Indiċi Kromatiku	75810
EINECS	Klorofill tar-ram a: 239-830-5; Klorofill tar-ram b: 246-020-5
Isem kimiku	[Fitil (13^2R, 17S, 18S)-3-(8-etil-13^2-metossikarbonil-2,7,12,18-tetrametil-13′-osso-3-vinil-13^1-13^2-17,18-tetraidroċiklopenta [at]-porfirin-17-il) propjonat] ram (II) (Klorofill tar-ram a) [Fitil (13^2R, 17S, 18S)-3-(8-etil-7-formil-13^2-metossikarbonil-2,12,18-trimetil-13′-osso-3-vinil-13^1-13^2-17,18-tetraidroċiklopenta [at]-porpirin-17-il) propionat] ram (II) (Klorofill tar-ram b)
Formola kimika	Klorofill tar-ram a: $C_{55}H_{72}Cu\ N_4O_5$ Klorofill tar-ram b: $C_{55}H_{70}Cu\ N_4O_6$
Piż molekolari	Klorofill tar-ram a: 932,75 Klorofill tar-ram b: 946,73
Test	Kontenut tal-klorofilli tar-ram kollha mhux inqas minn 10 % $E^{1\%}_{1cm}$ 540 f'ca 422 nm ġol-kloroform $E^{1\%}_{1cm}$ 300 f'ca 652 nm ġol-kloroform
Deskrizzjoni	Solidu li jixbah ix-xama′ b′kulur minn aħdar fil-blu għal aħdar skur skont il-materjal tas-sors
Identifikazzjoni	
Spettrometrija	Massimu fil-kloroform f'ca 422 nm u f'ca 652 nm
Purità	
Residwi tas-solvent	Aċeton Metil etil keton Metanol Etanol Propan-2-ol Eżan — Mhux aktar minn 50 mg/kg, waħdu jew f'taħlita Diklorometan: mhux iktar minn 10 mg/kg
Arseniku	Mhux iktar minn 3 mg/kg
Ċomb	Mhux iktar minn 2 mg/kg
Merkurju	Mhux iktar minn 1 mg/kg
Kadmju	Mhux iktar minn 1 mg/kg

▼B

Joni tar-ram	Mhux iktar minn 200 mg/kg
Total ta′ ram	Mhux aktar minn 8,0 % tat-total tal-phaeofitins tar-ram

Il-koloranti tal-aluminju ta' dan il-kulur jistgħu jintużaw.

E 141(ii) KUMPLESSI TAR-RAM TAL-KLOROFILLINI

Sinonimi	Klorofillina tas-Sodju u r-Ram; Klorofillina tal-Potassju u r-Ram; CI Natural Green 5
Definizzjoni	L-imlieħ alkali tal-klorofillini tar-ram jinkisbu biż-żieda tar-ram lill-prodott miksub mis-saponifikazzjoni ta′ estratt b'solvent ta′ razez ta′ pjanti, ħaxix, xnien u ħurrieq li jittieklu; is-saponifikazzjoni tneħħi l-gruppi tal-metil u l-fitol ester u tista′ xxaqqaq parzjalment l-anell ċiklopentenil. Wara ż-żieda tar-ram mal-klorofillini purifikati, il-gruppi aċidi jiġu newtralizzati biex jifformaw l-imlieħ tal-potassju u/jew tas-sodju. Dawn is-solventi biss jistgħu jintużaw fl-estrazzjoni: aċeton, metil etil keton, diklorometan, diossidu tal-karbon, metanol, etanol, propan-2-ol, u eżan.
Indiċi Kromatiku	75815
EINECS	
Isem kimiku	Il-prinċipji koloranti ewlenin fil-forom aċidi tagħhom huma 3-(10-Karbossilato-4-etil-1,3,5,8-tetrametil-9-osso-2-vinilforbin-7-il)propjonat, kumpless tar-ram (Klorofillin tar-ram a) u 3-(10-Karbossilato-4-etil-3-formil-1,5,8-trimetil-9-osso-2-vinilforbin-7-il) propjonat, kumpless tar-ram (Klorofillin tar-ram b)
Formola kimika	Klorofillina tar-ram a (forma tal-aċidu): $C_{34}H_{32}Cu\ N_4O_5$ Klorofillina tar-ram b (forma tal-aċidu): $C_{34}H_{30}Cu\ N_4O_6$
Piż molekolari	Klorofillina tar-ram a: 640,20 Klorofillina tar-ram b: 654,18 Kull wieħed jista′ jiżdied bi 18-il dalton jekk l-anell ċiklopentenil jixxaqqaq
Test	Kontenut tal-klorofillini tar-ram kollha mhux inqas minn 95 % tal-kampjun imnixxef f'100 °C għal siegħa $E^{1\%}_{1cm}$ 565 f'ca 405 nm ġo buffer tal-fosfat bl-ilma f'pH 7,5 $E^{1\%}_{1cm}$ 145 f'ca 630 nm ġo buffer tal-fosfat bl-ilma f'pH 7,5
Deskrizzjoni	Trab aħdar skur għal blu/iswed
Identifikazzjoni	
Spettrometrija	Massimu f'buffer tal-fosfat bl-ilma f'pH 7.5 f'ca 405 nm u f'ca 630 nm
Purità	
Residwi tas-solvent	Aċeton Metil etil keton Metanol Etanol Propan-2-ol Eżan — Mhux aktar minn 50 mg/kg, waħdu jew f'taħlita

▼B

	Diklorometan: mhux iktar minn 10 mg/kg
Arseniku	Mhux iktar minn 3 mg/kg
Ċomb	Mhux iktar minn 5 mg/kg
Merkurju	Mhux iktar minn 1 mg/kg
Kadmju	Mhux iktar minn 1 mg/kg
Joni tar-ram	Mhux iktar minn 200 mg/kg
Total ta′ ram	Mhux aktar minn 8,0 % tat-total tal-klorofillini tar-ram

Il-koloranti tal-aluminju ta' dan il-kulur jistgħu jintużaw.

E 142 AĦDAR S

Sinonimi	CI Food Green 4, Brilliant Green BS
Definizzjoni	L-Aħdar S jikkonsisti essenzjalment f'sodju N-[4-[[4-(dimetilammino) fenil] 2-idrossi-3,6-disulfo-1-naftalenil)metilen]-2,5-ċikloessadien-1-iliden)-N-metilmetanAmminju u s-sustanzi sussidjarji koloranti flimkien mal-klorur tas-sodju u/jew is-sulfat tas-sodju bħala l-komposti prinċipali mingħajr kulur. L-Aħdar S huwa deskritt bħala melħ tas-sodju. Il-melħ tal-kalċju u tal-potassju huma wkoll permessi.
Indiċi Kromatiku	44090
EINECS	221-409-2
Isem kimiku	Sodju N-[4-[[4-(dimetilammino)fenil](2-idrossi-3,6-disulfo-1-naftalenil)-metilen]2,5-ċikloeżadien-1-iliden)-N-metilmetanAmminju; Sodju 5-[4-(dimetilammino)-α-(4-dimetilimminoċikloheża-2,5-dieniliden)benżil]-6-idrossi-7-sulfonato-naftalen-2-sulfonat (isem kimiku alternattiv)
Formola kimika	$C_{27}H_{25}N_2NaO_7S_2$
Piż molekolari	576,63
Test	Kontenut ta′ mhux anqas minn 80 % tas-sustanzi kollha koloranti kkalkulati bħala melħ tas-sodju $E^{1\%}_{1cm}$ 1 720 f'ca 632 nm f'soluzzjoni tal-ilma
Deskrizzjoni	Trab jew ramel blu skur jew aħdar skur
Dehra tas-soluzzjoni tal-ilma	Blu jew aħdar
Identifikazzjoni	
Spettrometrija	Massimu fl-ilma f'ca 632 nm
Purità	
Materja li ma tinħallx fl-ilma	Mhux iktar minn 0,2 %
Sustanzi koloranti sussidjarji	Mhux iktar minn 1,0 %
Komposti organiċi barra s-sustanzi koloranti:	
alkoħol 4,4′-bis(dimetilammino-benżidril	Mhux iktar minn 0,1 %
4,4′-bis(dimetilammino-benżofenon	Mhux iktar minn 0,1 %
aċidu 3-idrossinaftalen-2,7-disulfoniku	Mhux iktar minn 0,2 %

▼B

Baži bajda	Mhux iktar minn 5,0 %
Ammini aromatiċi primarji mhux sulfonati	Mhux iktar minn 0,01 % (ikkalkulati bħala anilina)
Sustanza li tista′ tiġi estratta bl-etere	Mhux aktar minn 0,2 % f'kundizzjonijiet newtrali
Arseniku	Mhux iktar minn 3 mg/kg
Ċomb	Mhux aktar minn 2 mg/kg
Merkurju	Mhux iktar minn 1 mg/kg
Kadmju	Mhux iktar minn 1 mg/kg

Il-koloranti tal-aluminju ta' dan il-kulur jistgħu jintużaw.

E 150a KARAMELLA NATURALI

Sinonimi	Karamella kawstika
Definizzjoni	Il-karamella naturali ssir bi trattament ta′ sħana kkontrollat ta′ karboidrati (sustanzi ta′ taħlil nutrittivi tal-grad tal-ikel li jinsabu fis-suq li huma l-monomeri glukozju u fruttożju u/jew il-polimeri tagħhom, eżempju, ġulepp tal-glukozju, sukrożju, u/jew ġuleppi invertiti, u destrożju). Sabiex issir il-karamelizzazzjoni jistgħu jintużaw aċidi, alkali u mlieħ, bl-eċċezzjoni ta′ komposti u sulfiti tal-ammonju.
Indiċi Kromatiku	
EINECS	232-435-9
Isem kimiku	
Formola kimika	
Piż molekolari	
Test	
Deskrizzjoni	Likwidi jew solidi kannella skur għall-iswed
Identifikazzjoni	
Purità	
Kulur magħqud biċ-ċelluloża DEAE	Mhux iktar minn 50 %
Kulur magħqud miċ-ċelluloża fosforil	Mhux iktar minn 50 %
Intensità tal-kulur ([1])	0,01—0,12
Nitroġenu totali	Mhux iktar minn 0,1 %
Total ta′ kubrit	Mhux iktar minn 0,2 %
Arseniku	Mhux iktar minn 1 mg/kg
Ċomb	Mhux iktar minn 2 mg/kg
Merkurju	Mhux iktar minn 1 mg/kg
Kadmju	Mhux iktar minn 1 mg/kg

([1]) L-intensità tal-kulur hija definita bħala l-assorbenza ta′ 0,1 % (w/v) ta′ soluzzjoni ta′ solidi bil-kulur tal-karamella fl-ilma ġo ċellula ta′ 1 cm f'610 nm.

▼B

E 150b KARAMELLA TAS-SULFIT KAWSTIKU

Sinonimi	
Definizzjoni	Il-karamella tas-sulfit kawstiku ssir bi trattament ta′ sħana kkontrollata ta′ karboidrati (sustanzi ta′ taħlil nutrittivi tal-grad tal-ikel li jinsabu fis-suq li huma l-monomeri glukożju u fruttożju u/jew il-polimeri tagħhom, eżempju, ġulepp tal-glukożju, sukrożju, u/jew ġuleppi invertiti, u destrożju) bi jew mingħajr aċidu jew alkali, fil-preżenza ta′ komposti tas-sulfit (aċidu sulfuriku, sulfit tal-potassju, bisulfit tal-potassju, sulfit tas-sodju, u bisulfit tas-sodju). ma jintużawx komposti tal-ammonju.
Indiċi Kromatiku	
EINECS	232-435-9
Isem kimiku	
Formola kimika	
Piż molekolari	
Test	
Deskrizzjoni	Likwidi jew solidi kannella skur għall-iswed
Identifikazzjoni	
Purità	
Kulur magħqud biċ-ċelluloża DEAE	Aktar minn 50 %
Intensità tal-kulur ([1])	0,05—0,13
Nitroġenu totali	Mhux aktar minn 0,3 % ([2])
Diossidu tal-kubrit	Mhux aktar minn 0,2 % ([2])
Total ta′ kubrit	0,3—3,5 % ([2])
Kubrit magħqud biċ-ċelluloża DEAE	Aktar minn 40 %
Proporzjon ta′ assorbenza tal-kulur magħqud biċ-ċelluloża DEAE	19—34
Proporzjon ta′ assorbenza ($A_{280/560}$)	Akbar minn 50
Arseniku	Mhux iktar minn 1 mg/kg
Ċomb	Mhux iktar minn 2 mg/kg
Merkurju	Mhux iktar minn 1 mg/kg
Kadmju	Mhux iktar minn 1 mg/kg

E 150c KARAMELLA TAL-AMMONJA

Sinonimi	
Definizzjoni	Il-karamella tal-ammonja ssir bit-trattament ta′ sħana kkontrollata ta′ karboidrati (sustanzi ta′ taħlil nutrittivi tal-grad tal-ikel li jinsabu fis-suq li huma l-monomeri glukożju u fruttożju u/jew il-polimeri tagħhom, eżempju, ġulepp tal-glukożju, sukrożju, u/jew ġuleppi invertiti, u destrożju) bi jew mingħajr aċidu jew alkali, fil-preżenza ta′ komposti tal-ammonju (idrossidu tal-ammonju, karbonat tal-ammonju, karbonat idroġenat tal-ammonju u fosfat tal-ammonju); ma jintużawx komposti tas-sulfit.

([1]) L-intensità tal-kulur hija definita bħala l-assorbenza ta′ 0,1 % (w/v) ta′ soluzzjoni ta′ solidi bil-kulur tal-karamella fl-ilma ġo ċellula ta′ 1 cm f′610 nm.

([2]) Espress fuq il-bażi ta′ kulur ekwivalenti, jiġifieri espress f′termini ta′ prodott li għandu intensità ta′ kulur ta′ 0,1 unità ta′ assorbenza.

▼B

Indiċi Kromatiku	
EINECS	232-435-9
Isem kimiku	
Formola kimika	
Piż molekolari	
Test	
Deskrizzjoni	Likwidi jew solidi kannella skur għall-iswed
Identifikazzjoni	
Purità	
Kulur magħqud biċ-ċelluloża DEAE	Mhux iktar minn 50 %
Kulur magħqud miċ-ċelluloża phosphoril	Aktar minn 50 %
Intensità tal-kulur ([1])	0,08—0,36
Nitroġenu ammoniaku	Mhux aktar minn 0,3 % ([2])
4-metilimidażole	Mhux aktar minn 200 mg/kg ([2])
2-aċetil-4-tetraidrossi-butilimidażole	Mhux aktar minn 10 mg/kg ([2])
Total ta′ kubrit	Mhux aktar minn 0,2 % ([2])
Nitroġenu totali	0,7—3,3 % ([2])
Proporzjoni ta′ assorbenza tal-kulur magħqud biċ-ċelluloża fosforil	13—35
Arseniku	Mhux iktar minn 1 mg/kg
Ċomb	Mhux iktar minn 2 mg/kg
Merkurju	Mhux iktar minn 1 mg/kg
Kadmju	Mhux iktar minn 1 mg/kg

E 150d KARAMELLA TAL-AMMONJA TAS-SULFIT

Sinonimi	
Definizzjoni	Il-karamella tal-ammonja tas-sulfit issir bit-trattament ta′ sħana kkontrollata tal-karboidrati (sustanzi ta′ taħlil nutrittivi tal-grad tal-ikel li jinsabu fis-suq li huma l-monomeri glukożju u fruttożju u/jew il-polimeri tagħhom, eżempju, ġulepp tal-glukożju, sukrożju, u/jew ġuleppi invertiti, u destrożju) bi jew mingħajr aċidi jew alkali, fil-preżenza ta′ kemm komposti tas-sulfit u kemm tal-ammonju (aċidu sulfuriku, sulfit tal-potassju, bisulfit tal-potassju, sulfit tas-sodju, bisulfit tas-sodju, idrossidu tal-ammonju, karbonat tal-ammonju, karbonat idroġenat tal-ammonju, fosfat tal-ammonju, sulfat tal-ammonju sulfit tal-ammonju u sulfit idroġenat tal-ammonju).
Indiċi Kromatiku	
EINECS	232-435-9
Isem kimiku	
Formola kimika	

([1]) L-intensità tal-kulur hija definita bħala l-assorbenza ta′ 0,1 % (w/v) ta′ soluzzjoni ta′ solidi bil-kulur tal-karamella fl-ilma ġo ċellula ta′ 1 cm f′610 nm.

([2]) Espress fuq il-bażi ta′ kulur ekwivalenti, jiġifieri espress f′termini ta′ prodott li għandu intensità ta′ kulur ta′ 0,1 unità ta′ assorbenza.

▼B

Piż molekolari	
Test	
Deskrizzjoni	Likwidi jew solidi kannella skur għall-iswed
Identifikazzjoni	
Purità	
Kulur magħqud biċ-ċelluloża DEAE	Aktar minn 50 %
Intensità tal-kulur ([1])	0,10 - 0,60
Nitroġenu ammoniaku	Mhux aktar minn 0,6 % ([2])
Diossidu tal-kubrit	Mhux aktar minn 0,2 % ([2])
4-metilimidażole	Mhux aktar minn 250 mg/kg ([2])
Nitroġenu totali	0,3 - 1,7 % ([2])
Total ta′ kubrit	0,8 - 2,5 % ([2])
Proporzjon nitroġenu/kubrit tal-preċipitat tal-alkoħol	0,7 - 2,7
Proporzjon ta′ assorbenza tal-preċipitat tal-alkoħol ([3])	8 – 14
Proporzjon ta′ assorbenza ($A_{280/560}$)	Mhux aktar minn 50
Arseniku	Mhux iktar minn 1 mg/kg
Ċomb	Mhux iktar minn 2 mg/kg
Merkurju	Mhux iktar minn 1 mg/kg
Kadmju	Mhux iktar minn 1 mg/kg

E 151 ISWED BRILLANTI BN, ISWED PN

Sinonimi	CI Food Black 1
Definizzjoni	L-Iswed Brillanti BN jikkonsisti essenzjalment f′tetrasodju-4-aċetammido-5-irdossi-6-[7-sulfonato-4-(4-sulfonatofenilażo)-1-naftilażo] naftalen-1,7-disulfonat u s-sustanzi sussidjarji koloranti flimkien mal-klorur tas-sodju u/jew is-sulfat tas-sodju bħala l-komposti prinċipali mingħajr kulur. L-Iswed Brillanti BN deskritt bħala melħ tas-sodju. Il-melħ tal-kalċju u tal-potassju huma wkoll permessi.
Indiċi Kromatiku	28440
EINECS	219-746-5
Isem kimiku	Tetrasodju 4-aċetimido-5-idrossi-6-[7-sulfonato-4-(4-sulfonatofenilażo)-1-naftilażo] naftalen-1,7-disulfonat
Formola kimika	$C_{28}H_{17}N_5Na_4O_{14}S_4$
Piż molekolari	867,69

([1]) L-intensità tal-kulur hija definita bħala l-assorbenza ta′ 0,1 % (w/v) ta′ soluzzjoni ta′ solidi bil-kulur tal-karamella fl-ilma ġo ċellula ta′ 1 cm f′610 nm.

([2]) Espress fuq il-bażi ta′ kulur ekwivalenti, jiġifieri espress f′termini ta′ prodott li għandu intensità ta′ kulur ta′ 0,1 unità ta′ assorbenza.

([3]) Il-proporzjon ta′ assorbenza ta′ separazzjoni bl-alkoħol huwa definit bħala l-assorbenza tas-separazzjoni f′280 nm diviż bl-assorbenza f′560 nm (ċellula ta′ 1 cm).

▼B

Test	Kontenut ta′ mhux anqas minn 80 % tas-sustanzi kollha koloranti kkalkulati bħala melħ tas-sodju $E^{1\%}_{1cm}$ 530 f'ca 570 nm f'soluzzjoni
Deskrizzjoni	Trab jew ramel iswed
Dehra tas-soluzzjoni tal-ilma	Iswed fil-blu
Identifikazzjoni	
Spettrometrija	Massimu fl-ilma f'ca 570 nm
Purità	
Materja li ma tinħallx fl-ilma	Mhux iktar minn 0,2 %
Sustanzi koloranti sussidjarji	Mhux aktar minn 4 % (espress fuq il-kontenut ta′ kuluranti)
Komposti organiċi barra s-sustanzi koloranti:	
Aċidu 4-aċetamido-5-idrossinaftalen-1,7-disulfoniku Aċidu 4-ammino-5-irdossinaftalen-1,7-disulfoniku Aċidu 8-amminonaftalen-2-sulfoniku 4,4′-diażoamminodi-(aċidu benżensulfoniku)	Total ta′ mhux aktar minn 0,8 %
Ammini aromatiċi primarji mhux sulfonati	Mhux iktar minn 0,01 % (ikkalkulati bħala anilina)
Sustanza li tista′ tiġi estratta bl-etere	Mhux aktar minn 0,2 % f'kundizzjonijiet newtrali
Arseniku	Mhux iktar minn 3 mg/kg
Ċomb	Mhux iktar minn 2 mg/kg
Merkurju	Mhux iktar minn 1 mg/kg
Kadmju	Mhux iktar minn 1 mg/kg

Il-koloranti tal-aluminju ta' dan il-kulur jistgħu jintużaw.

E 153 KARBONJU TAL-ĦXEJJEX

Sinonimi	Iswed tal-ħxejjex
Definizzjoni	Il-karbonju attivat tal-ħxejjex huwa prodott mill-karbonizzazzjoni ta′ materjal tal-ħaxix bħall-injam, ir-residwi taċ-ċelluloża, il-pit u l-ġewż tal-Indi u qxur oħrajn. Il-karbonju attivat prodott b'dan il-mod jintaħan b'romblu u l-karbonju attivat ferm f'għamla ta' trab jiġi ttrattat b'ċiklun. Il-frazzjoni fina miċ-ċiklun tiġi ppurifikata bil-ħasil bl-aċidu idrokloriku, innewtralizzata u mbagħad imnixxfa. Il-prodott li jirriżulta huwa dak li hu magħruf tradizzjonalment bħala l-Iswed tal-Ħxejjex. Mill-frazzjoni fina jsiru prodotti b'potenza koloranti ikbar bi trattament ieħor biċ-ċiklun jew b'iktar tħin, segwiti bil-ħasil bl-aċidu, in-newtralizzazzjoni u t-tnixxif. Dan jikkonsisti essenzjalment f'karbonju maqsum b′mod fin. Jista′ jkun fih ammonti żgħar ta′ nitroġenu, idroġenu u ossiġnu. Xi ndewwa tista′ tkun assorbita fuq il-prodott wara l-fabbrikazzjoni

▼B

Indiċi Kromatiku	77266
EINECS	231-153-3
Isem kimiku	Karbonju
Formola kimika	C
Piż molekolari	12,01
Test	Kontenut mhux inqas minn 95 % ta′ karbonju kalkulat fuq bażi anidruża u mingħajr irmied
Telf fit-tnixxif	Mhux aktar minn 12 % (120 °C 4 sigħat)
Deskrizzjoni	Trab iswed mingħajr riħa
Identifikazzjoni	
Solubbiltà	Ma jdubx fl-ilma u fis-solventi organiċi
Ħruq	Meta msaħħan sakemm jiġi aħmar, dan jinħaraq bil-mod mingħajr fjamma
Purità	
Irmied (Totali)	Mhux aktar minn 4,0 % (temperatura tat-tqabbid: 625 °C)
Arseniku	Mhux iktar minn 3 mg/kg
Ċomb	Mhux iktar minn 2 mg/kg
Merkurju	Mhux iktar minn 1 mg/kg
Kadmju	Mhux iktar minn 1 mg/kg
Idrokarburi aromatiċi poliċikliċi	Benżo(a)piren inqas minn 50 µg/kg fl-estratt miksub mill-estrazzjoni ta' 1 g tal-prodott b'10 g ta' ċikloeżan pur f'estrazzjoni kontinwa.
Materja li ddub fl-alkali	Il-filtrat miksub bit-togħlija ta′ 2 g tal-kampjun ma′ 20 ml N idrossidu tas-sodju u l-filtrazzjoni għandha tkun mingħajr kulur.

E 155 KANNELLA HT

Sinonimi	CI Food Brown 3
Definizzjoni	Il-Kannella HT jikkonsisti essenzjalment f'disodju 4,4′-(2,4-diidrossi-5-idrossimetil-1,3-fenilen bisażo) di (naftalen-1-sulfonat) u s-sustanzi sussidjarji koloranti flimkien mal-klorur u/jew is-sulfat tas-sodju bħala l-komponenti prinċipali mingħajr kulur. Il-kannella HT huwa deskritt bħala melħ tas-sodju. Il-melħ tal-kalċju u tal-potassju huma wkoll permessi.
Indiċi Kromatiku	20285
EINECS	224-924-0
Isem kimiku	Disodju 4,4′-(2,4-diidrossi-5-idrossimetil-1,3-fenilen bisażo)di (naftalen-1-sulfonat)
Formola kimika	$C_{27}H_{18}N_4Na_2O_9S_2$
Piż molekolari	652,57
Test	Kontenut mhux inqas minn 70 % tas-sustanzi kollha koloranti kkalkulati bħala melħ tas-sodju $E^{1\%}_{1cm}$ 403 f'ca 460 nm f'soluzzjoni ta′ ilma f'pH 7
Deskrizzjoni	Trab jew ramel aħmar fil-kannella
Dehra tas-soluzzjoni tal-ilma	Kannella

▼B

Identifikazzjoni	
Spettrometrija	Massimu fl-ilma ta′ pH 7 f'ca 460 nm
Purità	
Materja li ma tinħallx fl-ilma	Mhux iktar minn 0,2 %
Sustanzi koloranti sussidjarji	Mhux aktar minn 10 % (metodu TLC)
Komposti organiċi barra s-sustanzi koloranti:	
aċidu 4-amminonaftalen- 1-sulfoniku	Mhux iktar minn 0,7 %
Ammini aromatiċi primarji mhux sulfonati	Mhux iktar minn 0,01 % (ikkalkulati bħala anilina)
Sustanza li tista′ tiġi estratta bl-etere	Mhux aktar minn 0,2 % f'soluzzjoni ta′ pH 7
Arseniku	Mhux iktar minn 3 mg/kg
Ċomb	Mhux iktar minn 2 mg/kg
Merkurju	Mhux iktar minn 1 mg/kg
Kadmju	Mhux iktar minn 1 mg/kg

Il-koloranti tal-aluminju ta' dan il-kulur jistgħu jintużaw.

E 160a(i) BETA-KAROTÊN

Sinonimi	CI Food Orange 5
Definizzjoni	Dawn l-ispeċifikazzjonijiet japplikaw l-aktar għat-trans iżomeri kollha tal-beta-karotên flimkien ma′ ammonti żgħar ta′ karotenojdi oħra. Preparazzjonijiet dilwiti u stabbilizzati jista' jkollhom proporzjonijiet differenti tal-iżomeri trans-cis.
Indiċi Kromatiku	40800
EINECS	230-636-6
Isem kimiku	Beta-karotên; beta, beta-karotên
Formola kimika	$C_{40}H_{56}$
Piż molekolari	536,88
Test	Mhux inqas minn 96 % materja koloranti totali (espressi bħala beta-karotên) $E_{1cm}^{1\%}$ 2 500 minn madwar 440 nm sa 457 nm fiċ-ċikloeżan
Deskrizzjoni	Kristalli jew trab kristallin aħmar jew aħmar fil-kannella
Identifikazzjoni	
Spettrometrija	Massimu fiċ-ċikloeżan minn 453 sa 456 nm
Purità	
Irmied sulfatat	Mhux iktar minn 0,1 %
Sustanzi koloranti sussidjarji	Karotenojdi minbarra l-beta-karotên: mhux aktar minn 3,0 % tas-sustanzi kollha koloranti
Ċomb	Mhux iktar minn 2 mg/kg

▼B

E 160a(ii) KAROTENI TAL-PJANTI

Sinonimi	CI Food Orange 5
Definizzjoni	Il-karoteni tal-pjanti jinkisbu mill-estrazzjoni b'solvent ta′ razez ta′ pjanti, karrotti, żjut tal-ħxejjex, ħaxix, alfalfa (xnien) u ħurrieq tajbin għall-ikel. Il-prinċipju ewlieni koloranti jikkonsisti f'karotenojdi, li fosthom il-beta-karotên tkun il-parti ewlenija. Alfa, gamma-karotên u pigmenti oħra jistgħu jkunu preżenti. Minbarra l-pigmenti koloranti, din is-sustanza jista' jkollha żjut, xaħam u xama′ naturali mill-materjal oriġinali. Dawn is-solventi biss jistgħu jintużaw fl-estrazzjoni: aċeton, metil etil keton, metanol, etanol, propan-2-ol, eżan ([1]), diklorometan u diossidu tal-karbonju.
Indiċi Kromatiku	75130
EINECS	230-636-6
Isem kimiku	
Formola kimika	Beta-karotên: $C_{40}H_{56}$
Piż molekolari	Beta-karotên: 536,88
Test	Il-kontenut tal-karoteni (ikkalkulat bħala beta-karotên) mhuwiex inqas minn 5 %. Għall-prodotti miksuba mill-estrazzjoni taż-żjut tal-ħxejjex: mhux inqas minn 0,2 % ta' xaħmijiet li jittieklu $E^{1\%}_{1cm}$ 2 500 minn madwar 440 nm sa 457 nm fiċ-ċikloeżan
Deskrizzjoni	
Identifikazzjoni	
Spettrometrija	Massimu fiċ-ċikloeżan minn 440 nm sa 457 nm u minn 470 nm sa 486 nm
Purità	
Residwi tas-solvent	Aċeton; Metil etil keton; Metanol; Propan-2-ol; Eżan; Etanol: Mhux aktar minn 50 mg/kg, waħdu jew f'taħlita Diklorometan: Mhux iktar minn 10 mg/kg
Ċomb	Mhux iktar minn 2 mg/kg

E 160a(iii) BETA-KAROTÊN MINN *Blakeslea trispora*

Sinonimi	CI Food Orange 5
Definizzjoni	Miksub b′proċess ta′ fermentazzjoni bl-użu ta' kultura mħallta taż-żewġ tipi sesswali tat-tgħammir (+) u (-) tar-razez tal-fungu *Blakeslea trispora*. Il-beta-karotên hi estratta mill-biomassa ma′ etil aċetat, jew isobutil aċetat segwiti bil-propan-2-ol, u kristalizzat. Il-prodotti kristallizzati jikkonsistu l-iktar fi trans beta-karotên. Minħabba l-proċess naturali, madwar 3 % tal-prodott jikkonsisti f'karotenojdi mħallta, li hu speċifiku għall-prodott.

([1]) Benżin mhux iktar minn 0,05 % v/v.

▼B

Indiċi Kromatiku	40800
EINECS	230-636-6
Isem kimiku	Beta-karotên; beta,beta-karotên
Formola kimika	$C_{40}H_{56}$
Piż molekolari	536,88
Test	Mhux inqas minn 96 % materja koloranti totali (espressa bħala beta-karotên) $E^{1\%}_{1cm}$ 2 500 minn madwar 440 nm sa 457 nm fiċ-ċikloeżan
Deskrizzjoni	Kristalli jew trab kristallin aħmar, aħmar fil-kannella jew vjola (kulur ivarja skont is-solvent użat għall-estrazzjoni u l-kundizzjonijiet tal-kristallizzazzjoni)
Identifikazzjoni	
Spettrometrija	Massimu fiċ-ċikloeżan minn 453 sa 456 nm
Purità	
Residwi tas-solvent	Aċetat etiliku; Etanol } Mhux aktar minn 0,8 %, waħdu jew f'taħlita Aċetat tal-isobutil: Mhux iktar minn 1,0 % Propan-2-ol: Mhux iktar minn 0,1 %
Irmied sulfatat	Mhux iktar minn 0,2 %
Sustanzi koloranti sussidjarji	Karotenojdi minbarra l-beta-karotên: mhux aktar minn 3,0 % tas-sustanzi kollha koloranti
Ċomb	Mhux iktar minn 2 mg/kg
Kriterji mikrobijoloġiċi	
Moffa	Mhux aktar minn 100 kolonja kull gramma
Ħmira	Mhux aktar minn 100 kolonja kull gramma
Salmonella spp	Assenti f'25 g
Escherichia coli	Assenti f'5 g

E 160a(iv) KAROTENI MILL-ALGA

Sinonimi	CI Food Orange 5
Definizzjoni	Karoteni mħallta jistgħu wkoll ikunu magħmula mir-razez tal-alga *Dunaliella salina*, mkabbra f'lagi melħin kbar f'Whyalla, fin-Nofsinhar tal-Awstralja. Il-beta-karotên jiġi estratt b'żejt essenzali. Il-preparazzjoni hi suspensjoni ta′ 20 sa 30 % f'żejt tajjeb għall-ikel. Il-proporzjon tal-iżomeri trans-cis hu fil-firxa tal-50/50 sa 71/29. Il-prinċipju ewlieni koloranti jikkonsisti f'karotenojdi li fosthom il-beta-karotên tkun il-parti ewlenija. Alfa-karotên, luteina, zeaksantin u beta-kriptoksantin jistgħu jkunu preżenti. Minbarra l-pigmenti koloranti, din is-sustanza jista' jkollha żjut, xaħam u xama′ naturali mill-materja oriġinali.
Indiċi Kromatiku	75130
EINECS	
Isem kimiku	
Formola kimika	Beta-karotên: $C_{40}H_{56}$
Piż molekolari	Beta-karotên: 536,88

▼B

Test	Il-kontenut tal-karotên (ikkalkulat bħala beta-karotên) mhuwiex inqas minn 20 %. $E^{1\%}_{1cm}$ 2 500 minn madwar 440 nm sa 457 nm fiċ-ċikloeżan
Deskrizzjoni	
Identifikazzjoni	
Spettrometrija	Massimu fiċ-ċikloeżan minn 440 nm sa 457 nm u minn 474 nm sa 486 nm
Purità	
Tokoferoli naturali f'żejt tajjeb għall-ikel	Mhux iktar minn 0,3 %
Ċomb	Mhux iktar minn 2 mg/kg

E 160b ANNATTO, BIKSIN, NORBIKSIN

(I) BIKSIN U NORBIKSIN ESTRATTI B'SOLVENT

Sinonimi	CI Natural Orange 4	
Definizzjoni	Il-bikxin isir bl-estrazzjoni tal-kisja esterna taż-żerriegħa tas-siġra tal-annatto (*Bixa orellana* L.) b'wieħed jew iktar mis-solventi li ġejjin: aċeton, metanol, eżan jew diklorometan, diossidu tal-karbonju segwit bit-tneħħija tas-solvent. In-Norbiksin jiġi preparat bl-idroloż b′alkali bl-ilma tal-biksin estratt. Il-biksin u n-norbiksin jista′ jkun fihom materjali oħra estratti miż-żerriegħa tal-annatto. It-trab tal-biksin fih diversi komponenti kuluriti; dak prinċipali huwa l-biksin, li jista′ jkun preżenti fiż-żewġ forom, cis-u trans. Prodotti ta′ degradazzjoni termali tal-biksin jistgħu jkunu preżenti wkoll. It-trab tan-norbikxin fih il-prodott tal-idroloż tal-biksin, fil-forma tal-imlieħ tas-sodju jew tal-potassju bħala l-prinċipju koloranti prinċipali. Iż-żewġ forom, cis- u trans-, jistgħu jkunu preżenti.	
Indiċi Kromatiku	75120	
EINECS	Annatto: 215-735-4, estratt taż-żerriegħa tal-annatto: 289-561-2; biksin: 230-248-7	
Isem kimiku	Biksin:	6′-Metilidroġenu-9′-*cis*-6,6′-diapokaroten-6,6′-dioate 6′-Metilidroġenu-9′-*trans*-6,6′-diapokaroten-6,6′-dioat
	Norbiksin:	Aċidu 9′-*cis*-6,6′-Diapokaroten-6,6′-diojku Aċidu 9′-*trans*-6,6′-Diapokaroten-6,6′-diojku
Formola kimika	Biksin:	$C_{25}H_{30}O_4$
	Norbiksin:	$C_{24}H_{28}O_4$
Piż molekolari	Biksin:	394,51
	Norbiksin:	380,48

▼B

Test	Il-kontenut tat-trab tal-biksin mhux inqas minn 75 % tal-karotenojdi kollha kkalkulati bħala biksin.	
	Il-kontentut tat-trab tan-norbiksin mhux inqas minn 25 % tal-karotenojdi kollha kkalkulati bħala norbiksin.	
	Biksin:	$E^{1\%}_{1cm}$ 2 870 f'ca 502 nm ġol-kloroform
	Norbiksin:	$E^{1\%}_{1cm}$ 2 870 f'ca 482 nm f'soluzzjoni tal-KOH
Deskrizzjoni	Trab, suspensjoni jew soluzzjoni kannella fl-aħmar	
Identifikazzjoni		
Spettrometrija	Biksin:	Massimu fil-kloroform f'ca 502 nm
	Norbiksin:	massimu f'soluzzjoni dilwita tal-KOH f'ca 482 nm
Purità		
Residwi tas-solvent	Aċeton Metanol Eżan	Mhux aktar minn 50 mg/kg, waħdu jew imħallat
	Diklorometan:	mhux iktar minn 10 mg/kg
Arseniku	Mhux iktar minn 3 mg/kg	
Ċomb	Mhux iktar minn 2 mg/kg	
Merkurju	Mhux iktar minn 1 mg/kg	
Kadmju	Mhux iktar minn 1 mg/kg	

(II) ANNATTO ESTRATT BL-ALKALI

Sinonimi	CI Natural Orange 4
Definizzjoni	L-Annatto li jinħall fl-ilma huwa preparat bl-estrazzjoni bl-alkali b'ilma (idrossidu tas-sodju jew tal-potassju) tal-qxur ta' barra taż-żerriegħa tas-siġra tal-annatto (*Bixa orellana* L.) L-annatto li jinħall fl-ilma fih in-norbiksin, il-prodott tal-idroliżi tal-biksin, fil-forma ta' mlieħ tas-sodju jew tal-potassju, bħala l-prinċipju koloranti prinċipali. Iż-żewġ forom, cis-u trans-, jistgħu jkunu preżenti.
Indiċi Kromatiku	75120
EINECS	Annatto: 215-735-4, estratt taż-żerriegħa tal-annatto: 289-561-2; biksin: 230-248-7
Isem kimiku	Biksin: 6′-Metilidroġenu-9′-*cis*-6,6′-diapokaroten-6,6′-dioate; 6′-Metilidroġenu-9′-*trans*-6,6′-diapokaroten-6,6′-dioat
	Norbiksin: Aċidu 9′*cis*-6,6′-Diapokaroten-6,6′-diojku; Aċidu 9′-*trans*-6,6′-Diapokaroten-6,6′-diojku

▼B

Formola kimika	Biksin:	$C_{25}H_{30}O_4$
	Norbiksin:	$C_{24}H_{28}O_4$
Piż molekolari	Biksin:	394,51
	Norbiksin:	380,48
Test	Fih mhux inqas minn 0,1 % tal-kartenojdi kollha espress bħala norbiksin	
	Norbiksin:	$E^{1\%}_{1cm}$ 2 870 f'ca 482 nm f'soluzzjoni tal-KOH
Deskrizzjoni	Trab, suspensjoni jew soluzzjoni kannella fl-aħmar	
Identifikazzjoni		
Spettrometrija	Biksin:	Massimu fil-kloroform f'ca 502 nm
	Norbiksin:	massimu f'soluzzjoni dilwita ta' KOH f'ca 482 nm
Purità		
Arseniku	Mhux iktar minn 3 mg/kg	
Ċomb	Mhux iktar minn 2 mg/kg	
Merkurju	Mhux iktar minn 1 mg/kg	
Kadmju	Mhux iktar minn 1 mg/kg	

(III) ANNATTO ESTRATT BIŻ-ŻEJT

Sinonimi	CI Natural Orange 4	
Definizzjoni	Estratti tal-annatto fiż-żejt, bħala soluzzjoni jew suspensjoni, huma preparati bl-estrazzjoni tal-qxur ta′ barra taż-żieragħ tas-siġra tal-annatto (*Bixa orellana L.*) biż-żejt tal-ikel magħmul mill-ħxejjex. L-estratt ta′ annatto fiż-żejt fih diversi komponenti kuluriti; dak prinċipali huwa l-biksin, li jista′ jkun preżenti fiż-żewġ forom, cis-u trans-. Prodotti ta′ degradazzjoni termali tal-biksin jisgħu jkunu preżenti wkoll.	
Indiċi Kromatiku	75120	
EINECS	Annatto: 215-735-4, estratt taż-żerriegħa tal-annatto: 289-561-2; Biksin: 230-248-7	
Isem kimiku	Biksin:	6′-Metilidroġenu-9′-*cis*-6,6′-diapokaroten-6,6′-dioat 6′-Metilidroġenu-9′-*trans*-6,6′-diapokaroten-6,6′-dioat
	Norbiksin:	Aċidu 9′*cis*-6,6′-Diapokaroten-6,6′-diojku Aċidu 9′-*trans*-6,6′-Diapokaroten-6,6′-diojku
Formola kimika	Biksin:	$C_{25}H_{30}O_4$
	Norbiksin:	$C_{24}H_{28}O_4$
Piż molekolari	Biksin:	394,51
	Norbiksin:	380,48

▼B

Test	Fih mhux inqas minn 0,1 % tal-kartenojdi kollha espressi bħala biksin	
	Biksin:	$E^{1\%}_{1cm}$ 2 870 f'ca 502 nm ġol-kloroform
Deskrizzjoni	Trab, suspensjoni jew soluzzjoni kannella fl-aħmar	
Identifikazzjoni		
Spettrometrija	Biksin:	massimu fil-kloroform f'ca 502 nm
	Norbiksin:	massimu f'soluzzjoni dilwita ta' KOH f'ca 482 nm
Purità		
Arseniku	Mhux iktar minn 3 mg/kg	
Ċomb	Mhux iktar minn 2 mg/kg	
Merkurju	Mhux iktar minn 1 mg/kg	
Kadmju	Mhux iktar minn 1 mg/kg	

E 160c ESTRATT TAL-PAPRIKA, KAPSANTIN, KAPSORUBIN

Sinonimi	Paprika Oleoresin	
Definizzjoni	L-estratt tal-paprika jinkiseb b′estrazzjoni b'solvent ta′ razez ta′ paprika, li tikkonsisti fl-imżiewed tal-frott tal-art, bi jew mingħajr żrieragħ, tal-*Capsicum annuum* L., u li fiha l-prinċipji koloranti prinċipali ta′ dan il-ħwawar. Il-prinċipji koloranti prinċipali huma l-kapsantin u l-kapsorubin. Huwa magħruf li hija preżenti varjetà kbira ta′ komposti oħrajn ikkuluriti. Dawn is-solventi biss jistgħu jintużaw fl-estrazzjoni: metanol, etanol, aċeton, eżan, diklorometan, etil aċetat, propan-2-ol u dios-sidu tal-karbonju.	
Indiċi Kromatiku		
EINECS	Kapsantin: 207-364-1, kapsorubin: 207-425-2	
Isem kimiku	Kapsantin: (3R, 3′S, 5′R)-3,3′-diidrossi-β,κ-karoten-6-on Kapsorubin: (3S, 3′S, 5R, 5R′)-3,3′-diidrossi-κ,κ-karoten-6,6′-dion	
Formola kimika	Kapsantin:	$C_{40}H_{56}O_3$
	Kapsorubin:	$C_{40}H_{56}O_4$
Piż molekolari	Kapsantin:	584,85
	Kapsorubin:	600,85
Test	Estratt tal-paprika: kontenut mhux inqas minn 7,0 % karotenojdi Kapsantin/kapsorubin: mhux inqas minn 30 % tal-karotenojdi kollha $E^{1\%}_{1cm}$ 2 100 f'ca 462 nm ġol-aċeton	

▼B

Deskrizzjoni	Likwidu viskuż aħmar skur
Identifikazzjoni	
Spettrometrija	Massimu fl-aċetun f'ca 462 nm
Reazzjoni tal-kulur	Kulur blu skur huwa prodott biż-żieda ta′ qatra waħda ta′ aċidu sulfuriku ma′ qatra waħda tal-kampjun f'2-3 qatriet ta′ kloroform
Purità	
Residwi tas-solvent	Aċetat etiliku Metanol Etanol Aċeton Eżan Propan-2-ol — Mhux aktar minn 50 mg/kg, waħdu jew f'taħlita
	Diklorometan: mhux iktar minn 10 mg/kg
Capsaicin	Mhux iktar minn 250 mg/kg
Arseniku	Mhux iktar minn 3 mg/kg
Ċomb	Mhux iktar minn 2 mg/kg
Merkurju	Mhux iktar minn 1 mg/kg
Kadmju	Mhux iktar minn 1 mg/kg

E 160d LIKOPEN

i Likopen sintetiku

Sinonimi	Likopen mis-sinteżi kimika
Definizzjoni	Il-likopen sintetiku huwa taħlita ta' iżomeri ġeometriċi tal-likopen u magħmul bil-kondensazzjoni Wittig tal-intermedjarji sintetiċi użati komunement fil-produzzjoni ta' karotenojdi oħrajn li huma użati fl-ikel. Il-likopen sintetiku hu magħmul l-aktar minn likopen kollu *trans* flimkien ma' 5-*cis*-likopen u kwantitajiet żgħar ta' iżomeri oħra. Il-preparazzjonijiet tal-likopen kummerċjali li huma intiżi għall-użu fl-ikel huma formolati bħala suspensjonijiet fiż-żjut tal-ikel jew trab idrodispersibbli jew trab li jinħall fl-ilma.
Indiċi Kromatiku	75125
EINECS	207-949-1
Isem kimiku	ψ,ψ-karoten, likopen kollu *trans*, likopen (kollu-E), 2,6,10,14,19,23,27,31-oktametil-2,6,8,10,12,14,16,18,20,22,24,26, 30-dotriakontatridekaen (kollu-E)
Formola kimika	$C_{40}H_{56}$
Piż molekolari	*536,85*
Test	Mhux anqas minn 96 % likopeni totali (mhux anqas minn 70 % likopen kollu *trans*) $E^{1\%}_{1cm}$ f'465 - 475 nm f'eżan (għal 100 % likopen pur kollu *trans*) huwa 3 450.
Deskrizzjoni	Trab abjad kristallin

▼B

Identifikazzjoni	
Spettrofotometrija	Soluzzjoni f'eżan turi assorbiment massimu ta' madwar 470 nm.
Test għall-karotenojdi	Il-kulur tas-soluzzjoni tal-kampjun fl-aċeton jisparixxi wara żidiet suċċessivi ta' soluzzjoni ta' 5 % tan-nitrit tas-sodju u l-aċidu sulfuriku 1N
Solubbiltà	Ma jinħallx fl-ilma, jinħall faċilment fil-kloroform
Karatteristiċi ta' soluzzjoni ta' 1 % fil-kloroform	Trasparenti u għandha kulur aħmar-oranġjo intensiv
Purità	
Telf fit-tnixxif	Mhux aktar minn 0,5 % (40 °C, 4 sigħat f'20 mm Hg)
Apo-12'-likopenal	Mhux iktar minn 0,15 %
Ossidu tal-fosfin tat-trifenil	Mhux iktar minn 0,01 %
Residwi tas-solvent	Metanol mhux aktar minn 200 mg/kg Eżan, Propan-2-ol: Mhux aktar minn 10 mg/kg kull wieħed. Diklorometan: Mhux aktar minn 10 mg/kg (fi preparazzjonijiet kummerċjali biss)
Ċomb	Mhux iktar minn 1 mg/kg

ii Likopen mit-tadam aħmar

Sinonimi	Natural Yellow 27
Definizzjoni	Il-likopen jinkiseb permezz ta' estrazzjoni bis-solvent tat-tadam aħmar (*Lycopersicon esculentum* L.) u bit-tneħħija sussegwenti tas-solvent. Dawn is-solventi biss jistgħu jintużaw: diossidu tal-karbonju, aċetat etiliku, aċeton, propan-2-ol, metanol, etanol u eżan. Il-prinċipju ewlieni tal-kulur tat-tadam huwa l-likopen; jista' jkun hemm ammonti żgħar ta' pigmenti karotenojdi oħra. Barra l-pigmenti tal-kulur, il-prodott jista' jkollu żejt, xaħmijiet, xama' u komponenti tat-togħma li jseħħu b'mod naturali fit-tadam.
Indiċi Kromatiku	75125
EINECS	207-949-1
Isem kimiku	Ψ,Ψ-karoten, likopen-kollu-*trans*, likopen-(kollu-E), 2,6,10,14,19,23,27,31-oktametil-2,6,8,10,12,14,16,18,20,22,24,26,30-dotriakontatridekaen (kollu-E)
Formola kimika	$C_{40}H_{56}$
Piż molekolari	*536,85*
Test	$E^{1\%}_{1cm}$ f'465 - 475 nm f'eżan (għal 100 % likopen-kollu-*trans* pur) huwa 3 450. Il-kontenut mhux anqas minn 5 % tal-materja koloranti totali
Deskrizzjoni	Likwidu viskuż aħmar skur
Identifikazzjoni	
Spettrofotometrija	Massimu f'eżan f'ca 472 nm

▼B

Purità		
Residwi tas-solvent	Propan – 2 – ol Eżan Aċeton Etanol Metanol Etilaċetat	Mhux aktar minn 50 mg/kg, waħdu jew f'taħlita
Irmied sulfatat	Mhux iktar minn 1 %	
Merkurju	Mhux iktar minn 1 mg/kg	
Kadmju	Mhux iktar minn 1 mg/kg	
Arseniku	Mhux iktar minn 3 mg/kg	
Ċomb	Mhux iktar minn 2 mg/kg	

iii Likopen minn *Blakeslea trispora*

Sinonimi	Natural Yellow 27
Definizzjoni	Likopen minn *Blakeslea trispora* huwa estratt mill-bijomassa fungali u ppurifikat bil-kristallizzazzjoni u l-filtrazzjoni. Dan magħmul l-aktar minn likopen-kollu-*trans*. Fih ukoll kwantitajiet żgħar ta' karotenojdi oħra. Il-propan-2-ol u l-aċetat tal-isobutil huma l-uniċi solventi użati fil-manifattura. Il-preparazzjonijiet tal-likopen kummerċjali li huma intiżi għall-użu fl-ikel huma formolati bħala suspensjonijiet fiż-żjut tal-ikel jew trab idrodispersibbli jew trab li jinħall fl-ilma.
Indiċi Kromatiku	75125
EINECS	207-949-1
Isem kimiku	Ψ,Ψ-karoten, likopen-kollu-*trans*, likopen-(kollu-E), 2,6,10,14,19,23,27,31-oktametil-2,6,8,10,12,14,16,18,20,22,24,26,30-dotriakontatridekaen-(kollu-E)
Formola kimika	$C_{40}H_{56}$
Piż molekolari	*536,85*
Test	Mhux anqas mill-95 % tal-likopeni totali u mhux anqas minn 90 % tal-likopen-kollu-*trans* tal-materja kollha koloranti $E^{1\%}_{1cm}$ f'465 - 475 nm f'eżan (għal 100 % likopen-kollu-*trans* pur) huwa 3 450.
Deskrizzjoni	Trab aħmar kristallin
Identifikazzjoni	
Spettrofotometrija	Soluzzjoni f'eżan turi assorbiment massimu ta' madwar 470 nm.
Test għall-karotenojdi	Il-kulur tas-soluzzjoni tal-kampjun f'aċeton jisparixxi wara żidiet suċċessivi ta' soluzzjoni ta' 5 % tan-nitrit tas-sodju u l-aċidu sulfuriku 1N
Solubbiltà	Ma tinħallx fl-ilma, jinħall faċilment fil-kloroform
Karatteristiċi ta' soluzzjoni ta' 1 % fil-kloroform	Trasparenti u għandha kulur aħmar-oranġjo intensiv

▼B

Purità	
Telf fit-tnixxif	Mhux aktar minn 0,5 % (40 °C, 4 sigħat f'20 mm Hg)
Karotenojdi oħra	Mhux iktar minn 5 %
Residwi tas-solvent	Propan-2-ol: Mhux iktar minn 0,1 % Aċetat tal-isobutil: Mhux iktar minn 1,0 % Diklorometan: Mhux aktar minn 10 mg/kg (fi preparazzjonijiet kummerċjali biss)
Irmied sulfatat	Mhux iktar minn 0,3 %
Ċomb	Mhux iktar minn 1 mg/kg

E 160e BETA-APO-8′-KAROTENAL (C30)

Sinonimi	CI Food Orange 6
Definizzjoni	Dawn l-ispeċifikazzjonijiet japplikaw b′mod predominanti għall-iżomeri kollha *trans* ta′ β-apo-8′-karotenal flimkien ma′ ammonti żgħar ta′ karotenojdi oħra. Forom dilwiti u stabilizzati huma preparati minn β-apo-8′-karotenal li jissodisfaw dawn l-ispeċifikazzjonijiet u jinkludu soluzzjonijiet jew suspensjonijiet ta' β-apo-8′-karotenal f'xaħmijiet jew żjut li jittieklu, emulsjonijiet u trab idrodispersibbli. Dawn il-preparazzjonijiet jista′ jkollhom proporzjonijiet ta′ iżomeri cis/trans differenti.
Indiċi Kromatiku	40820
EINECS	214-171-6
Isem kimiku	β-Apo-8′-karotenal; *trans*-β-Apo-8′karoten-aldeide
Formola kimika	$C_{30}H_{40}O$
Piż molekolari	416,65
Test	Mhux inqas minn 96 % tas-sustanzi kollha koloranti $E^{1\%}_{1cm}$ 2 640 f'ca 460-462 nm fiċ-ċikoleżan
Deskrizzjoni	Kristalli vjola skur bi tleqqija metallika jew trab kristallin
Identifikazzjoni	
Spettrometrija	Massimu fiċ-ċikloeżan f'460-462 nm
Purità	
Irmied sulfatat	Mhux iktar minn 0,1 %
Sustanzi koloranti sussidjarji	Karotenojdi barra l-β-Apo-8′-karotenal: mhux aktar minn 3,0 % tas-sustanzi kollha koloranti
Arseniku	Mhux iktar minn 3 mg/kg
Ċomb	Mhux iktar minn 2 mg/kg
Merkurju	Mhux iktar minn 1 mg/kg
Kadmju	Mhux iktar minn 1 mg/kg

E 161b LUTEINA

Sinonimi	Karotenojdi mħallta; Ksantofilli
Definizzjoni	Il-luteina hija miksuba b′estrazzjoni bis-solvent ta′ razez ta′ frott u pjanti li jittieklu, ħaxix, xnien (alfalfa) u *Tagetes erecta*. Il-prinċipju koloranti prinċipali jikkonsisti f'karotenojdi li minnhom il-luteina u l-esteri aċidi grassi tagħha jagħmlu l-parti prinċipali. Ammonti

▼B

	varjabbli ta′ karoteni jkunu wkoll preżenti. Il-luteina jista′ jkun fiha grassi, żjut u xama' li jinsabu b′mod naturali fil-materja tal-pjanti.- Dawn is-solventi biss jistgħu jintużaw għall-estrazzjoni: metanol, etanol, propan-2-ol, eżan, aċeton, metil etil keton, u diossidu tal-karbonju.
Indiċi Kromatiku	
EINECS	204-840-0
Isem kimiku	3,3′-diidrossi-d-karoten
Formola kimika	$C_{40}H_{56}O_2$
Piż molekolari	568,88
Test	Kontenut tas-sustanzi kollha koloranti mhux inqas minn 4 % kkalkulati bħala luteina $E^{1\%}_{1cm}$ 2 550 f'ca 445 nm ġol-kloroform/etanol (10 + 90) jew fil-eżan/etanol/aċeton (80 + 10 + 10)
Deskrizzjoni	Likwidu skur kannella fl-isfar
Identifikazzjoni	
Spettrometrija	Massimu fil-kloroform/etanol (1:9) f'ca 445 nm
Purità	
Residwi tas-solvent	Aċeton Metil etil keton Metanol Etanol Propan-2-ol Eżan — Mhux aktar minn 50 mg/kg, waħdu jew f'taħlita
Arseniku	Mhux iktar minn 3 mg/kg
Ċomb	Mhux iktar minn 3 mg/kg
Merkurju	Mhux iktar minn 1 mg/kg
Kadmju	Mhux iktar minn 1 mg/kg

E 161g KANTAKSANTINA

Sinonimi	CI Food Orange 8
Definizzjoni	Dawn l-ispeċifikazzjonijiet japplikaw b′mod predominanti għall-iżomeri *trans* kollha tal-kantaksantina flimkien ma′ ammonti żgħar ta′ karotenojdi oħra. Forom imħalltin u stabbilizzati huma preparati mill-kantaksantina li jkollu dawn l-ispeċifikazzjonijiet u jinkludu soluzzjonijiet jew suspensjonijiet ta′ kantaksantina f'xaħmijiet jew żjut li jittieklu, emulsjonijiet u trab idrodispersibbli. Dawn il-preparazzjonijiet jista′ jkollhom proporzjonijiet ta′ iżomeri cis/trans differenti.
Indiċi Kromatiku	40850

▼B

EINECS	208-187-2
Isem kimiku	β-Karoten-4,4′-dion; kantaksantina; 4,4′-diosso-β-karoten
Formola kimika	$C_{40}H_{52}O_2$
Piż molekolari	564,86
Test	Mhux inqas minn 96 % tas-sustanzi kollha koloranti (espress bħala kantaksantina)
	$E^{1\%}_{1cm}$ 2 200 f'ca 485 nm ġol-kloroform; f'468-472 nm fiċ-ċikloeżan; f'464-467 nm fl-etere tal-petroleum
Deskrizzjoni	Kristalli jew trab kristallin vjola skur
Identifikazzjoni	
Spettrometrija	Massimu fil-kloroform f'ca 485 nm Massimu fiċ-ċikloeżan f'468-472 nm Massimu fl-etere tal-petroleum f'464-467 nm
Purità	
Irmied sulfatat	Mhux iktar minn 0,1 %
Sustanzi koloranti sussidjarji	Karotenoidi minbarra l-kantaksantina: mhux aktar minn 5,0 % tas-sustanzi kollha koloranti
Arseniku	Mhux iktar minn 3 mg/kg
Ċomb	Mhux iktar minn 2 mg/kg
Merkurju	Mhux iktar minn 1 mg/kg
Kadmju	Mhux iktar minn 1 mg/kg

E 162 AĦMAR TAL-PITRAVI, BETANINA

Sinonimi	Aħmar tal-pitravi
Definizzjoni	L-aħmar tal-pitravi jinkiseb mill-għeruq ta′ razez ta′ xtieli ħomor tal-pitravi (*Beta vulgaris* L. var. *rubra*) bit-tagħsir tax-xitla tal-pitravi mgħaffġa bħala meraq magħsur jew b′estrazzjoni ta′ għeruq tal-pitravi mqatta′ u l-arrikkament sussegwenti fil-prinċipju attiv. Il-kulur huwa kompost minn pigmenti differenti li huma kollha tal-klassi betalaina. Il-prinċipju koloranti prinċipali jikkonsisti f'betaċjanini (aħmar) li l-betanina jagħmel minn 75 sa 95 % minnu. Ammonti żgħar ta′ betaksantin (isfar) u prodotti tad-degradazzjoni tal-betalaini (kannella ċar) jistgħu jkunu preżenti. Apparti l-pigmenti tal-kulur, il-meraq jew l-estratt jikkonsisti f'żokkor, imlieħ, u/jew proteini li jinstabu b′mod naturali fil-pitravi ħomor. Is-soluzzjoni tista′ tkun ikkonċentrata u xi prodotti jistgħu jkunu raffinati sabiex jitneħħa ħafna miz-zokkor, l-imlieħ u l-proteini.
Indiċi Kromatiku	
EINECS	231-628-5
Isem kimiku	aċidu (S-(R′,R′)-4-(2-(2-Karbossi-5(β-D-glukopiranosilossi)-2,3-diidro-6-idrossi-1H-indol-1-il)etenil)-2,3-diidro-2,6-piridine-dikarbossiliku; 1-(2-(2,6-dikarbossi-1,2,3,4-tetraidro-4-piridiliden)etiliden)-5-β-D-glukopiranosilossi)-6-idrossiindolju-2-karbossilat

▼B

Formola kimika	Betanina: $C_{24}H_{26}N_2O_{13}$
Piż molekolari	550,48
Test	Kontenut ta′ kulur aħmar (espress bħala betanina) mhux inqas minn 0,4 % $E^{1\%}_{1cm}$ 1 120 f'ca 535 nm f'soluzzjoni ta′ ilma f'pH 5
Deskrizzjoni	Likwidu, pejst, trab jew solidu aħmar jew aħmar skur
Identifikazzjoni	
Spettrometrija	Massimu fl-ilma ta′ pH 5 f'ca 535 nm
Purità	
Nitrat	Mhux aktar minn 2 g anjoni tan-nitrat/g ta′ kulur aħmar (kif ikkalkulat fl-analiżi)
Arseniku	Mhux iktar minn 3 mg/kg
Ċomb	Mhux iktar minn 2 mg/kg
Merkurju	Mhux iktar minn 1 mg/kg
Kadmju	Mhux iktar minn 1 mg/kg

E 163 ANTOCIJANINI

Sinonimi	
Definizzjoni	L-antoċijanini jinkisbu bil-maċerazzjoni jew l-estrazzjoni b′ilma sulfitit, ilma aċidifikat, diossidu tal-karbonju, metanol jew etanol minn razez naturali ta′ ħaxix jew frott li jista′ jittiekel, b'konċentrazzjoni u/jew purifikazzjoni sussegwenti jekk ikun hemm bżonn. Il-prodott li jirriżulta jista' jiġi ttrasformat fi trab bi proċess industrijali tat-tnixxif. L-antoċijanini fihom komponenti komuni talmaterjal tas-sors, prinċipalment l-antoċijanina, aċidi organiċi, tannini, zokkrijiet, minerali, eċċ, imma mhux neċessarjament flistess proporzjon kif jinstab fil-materjal tas-sors. Il-prinċipju koloranti huwa l-antoċjanin. Il-prodotti jitqiegħdu fis-suq skont is-saħħa tal-kulur tagħhom kif determinata mit-test. Il-kontenut tal-kulur ma jiġix espress b'unitajiet kwantitattivi.
Indiċi Kromatiku	
EINECS	208-438-6 (ċjanidina); 205-125-6 (peonidina); 208-437-0 (delfinidina); 211-403-8 (malvidina); 205-127-7 (pelargonidina); 215-849-4 (petunidina)
Isem kimiku	3,3′,4′,5,7-Pentaidrossi-flavilju klorur (ċijanidina) 3,4′,5,7-Tetraidrossi-3′-metossiflavilju klorur (peonidina) 3,4′,5,7-Tetraidrossi-3′,5′-dimetossiflavilju klorur (malvidina) 3,5,7-Triidrossi-2-(3,4,5,triidrossifenil)-1-benżopirilju klorur (delfinidina) 3,3′4′,5,7-Pentaidrossi-5′-metossiflavilju klorur (petunidina) 3,5,7-Triidrossi-2-(4-idrossifenil)-1-benżopirilju klorur (pelargonidina)

▼B

Formola kimika	Ċjanidina: $C_{15}H_{11}O_6Cl$ Peonidina: $C_{16}H_{13}O_6Cl$ Malvidina: $C_{17}H_{15}O_7Cl$ Delfinidina: $C_{15}H_{11}O_7Cl$ Petunidina: $C_{16}H_{13}O_7Cl$ Pelargonidina: $C_{15}H_{11}O_5Cl$
Piż molekolari	Ċjanidina: 322,6 Peonidina: 336,7 Malvidina: 366,7 Delfinidina: 340,6 Petunidina: 352,7 Pelargonidina: 306,7
Test	$E^{1\%}_{1cm}$ 300 għall-pigment pur f'515-535 nm f'pH 3,0
Deskrizzjoni	Likwidu, trab jew pejst aħmar fil-vjola, li għandu ftit riħa karatteristika
Identifikazzjoni	
Spettrometrija	Massimu fil-metanol b′0,01 % konċ. HCl Ċjanidina: 535 nm Peonidina: 532 nm Malvidina: 542 nm Delfinidina: 546 nm Petunidina: 543 nm Pelargonidina: 530 nm
Purità	
Residwi tas-solvent	Metanol — Mhux iktar minn 50 mg/kg Etanol — Mhux iktar minn 200 mg/kg
Diossidu tal-kubrit	Mhux aktar minn 1 000 mg/kg għal perċentwal ta′ pigment
Arseniku	Mhux iktar minn 3 mg/kg
Ċomb	Mhux iktar minn 2 mg/kg
Merkurju	Mhux iktar minn 1 mg/kg
Kadmju	Mhux iktar minn 1 mg/kg

Il-koloranti tal-aluminju ta' dan il-kulur jistgħu jintużaw.

E 170 KARBONAT TAL-KALĊJU

Sinonimi	CI Pigment White 18; Ġibs
Definizzjoni	Il-karbonat tal-kalċju huwa l-prodott miksub mil-ġebla tal-ġir imfarrka jew bil-preċipitazzjoni tal-joni tal-kalċju bil-joni tal-karbonat
Indiċi Kromatiku	77220
EINECS	Karbonat tal-kalċju: 207-439-9 Ġebla tal-ġir: 215-279-6
Isem kimiku	Karbonat tal-kalċju
Formola kimika	$CaCO_3$

▼B

Piż molekolari	100,1
Test	Kontenut mhux inqas minn 98 % tal-baži anidruża
Deskrizzjoni	Trab abjad kristallin jew amorfu, mingħajr riħa u mingħajr togħma
Identifikazzjoni	
Solubbiltà	Prattikament ma jinħallx fl-ilma u fl-alkoħol. Idub bit-tfexfix fl-aċidu aċetiku dilwit, fl-aċidu idrokloriku dilwit u fl-aċidu nitriku dilwit, u s-soluzzjonijiet li jirriżultaw, wara li jitgħallew, jagħtu riżultati pożittivi għall-kalċju.
Purità	
Telf fit-tnixxif	Mhux aktar minn 2,0 % (200 °C, 4 sigħat)
Sustanzi li ma jinħallux fl-aċidu	Mhux iktar minn 0,2 %
Manjeżju u mlieħ tal-alkali	Mhux iktar minn 1 %
Fluworu	Mhux iktar minn 50 mg/kg
Antimonju (bħala Sb)	Mhux aktar minn 100 mg/kg, waħdu jew f'taħlita
Ram (bħala Cu)	
Kromju (bħala Cr)	
Żingu (bħala Żn)	
Barju (bħala Ba)	
Arseniku	Mhux iktar minn 3 mg/kg
Ċomb	Mhux iktar minn 3 mg/kg
Kadmju	Mhux iktar minn 1 mg/kg

E 171 DIOSSIDU TAT-TITANJU

Sinonimi	CI Pigment White 6
